MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Talba Numru. 521/2011

**DOMESTICA LIMITED [C-2290]**

**vs**

**Olivia ST. JOHN u b'digriet datat 22 ta' Gunju, 2012 il-kunjom ST. JOHN gie jaqra SCHEMBRI stante li l-konvenuta zzewget**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta attrici fit-23 ta' Gunju, 2011** u li permezz tieghu talbet il-hlas, minghand il-konvenuta, tas-somma ta' erba' mija tmienja u tmenin euro u disgha u disghin centezmi ta' euro [€488.99] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Tigi kkundannata thallas is-somma ta' erba' mija u tmienja u tmenin euro u disgha u disghin centezmu (€488.99) rapprezentanti bilanc minn prezz ta' kcina gja mibjugha u kkonsenjata lilek mis-socjeta attrici.

Bl-imghax mid-data minn meta s-somma saret dovuta sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluz tal-ittra legali datata 12 t' April, 2011 (Dok. A)".

Ra l-verbal tas-seduta tat-22 ta' Gunju, 2012 fejn l-Avukat Dott. Marouska Debono talbet li kunjom l-attrici jigi jaqra Schembri flok St. John stante li l-istess konvenuta kienet izzewget. It-Tribunal laqa' t-talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenuta giet debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fit-22 ta' Gunju, 2012, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-12 ta' Lulju, 2012 u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u tmenin euro u disgha u disghin centezmu (€488.99), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuta fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------